QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
INFERJURI

**MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' April 2000**

Avviz Nru. 32/99

Derek Cold Stores Ltd

-vs-

Cini (Tal-Mija) Ltd

Il-Qorti;

Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm329.86) bhala bilanc dovut lilha wara t-tpacija tas-somma ta' disa' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm985.46) illi s-socjeta' attrici kellha taghti lis-socjeta' konvenuta u s-somma ta' elf tlett mija u hmistax-il lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1315.32) illi s-socjeta' konvenuta kellha taghti lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkuzi dawk ta' l-ittra uffijcali tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar elf disa' mija disgha u disghin (1999) u tal-mandat ta' qbid u dak ta' sekwestru ipprezentati kontestwalment ma' dan l-avviz.

Il-konvenut huwa mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ir-riferta posittiva tas-socjeta’ konvenuta b’dan l-avviz, illi naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx l-eccezzjonijiet taghha.

Il-Qorti;

Peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-istess talbiet attrici, tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici fil-konfront tas-socjeta attrici fl-ammont ta’ tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm329.86).

Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma hawn fuq indikata ta’ tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm329.86) bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Jannar 1999 u tal-mandat ta’ qbid u ta’ sekwestru ipprezentati kontestwalment ma’ dan l-avviz.